Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,064, 27 ta' Jannar, 1995
Taqsima B

A.L. 9 ta' l-1995

ATT DWAR IS-SALARJI TA' L-IMHALLFIN U TAL-MAĠISTRATI

(KAP. 175)

Ordni ta' l-1995 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att dwar is-Salarji ta' l-Imħallfin u tal-Maġistrati, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1995 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati, u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1995.

Reviżjoni tas-salarji ta' Prim Imħallef, Imħallfin oħra u Maġistrati.

2. Għandu jitħallas f'kull sena lid-detenturi tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' din l-ordni, minflok is-salarji preskritti fl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikati kontra kull waħda minn dawk il-karigi fit-tieni kolonna ta' dik l-Iskeda.

SKEDA

(Artikolu 2)

Kariga	Salarju fis-Sena
Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell	Lm10,618
Imħallfin oħra	Lm9,218
Maġistrati tal-Qrati Inferjuri	Lm7,749